L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 15 ta' April 2005

# Religjon universali jisimha paci

Bhal kulhadd - irriflettejt fuq il-funeral tal-Papa. Izda apparti l-emozzjonijiet ipprovajt nevalwa wkoll ghaliex il-mewt tieghu rnexxielha tigbed daqshekk pubblicita', daqshekk kapijiet ta' stati, figuri politici, religjuzi u nies flimkien.

**Dinja li waqfet**

Ghaliex id-dinja waqfet mal-mewt ta' Wojtyla? U ghaliex waqfet ghal gimgha shiha? Ghaliex gew iddedikati bulettini shah kullimkien u kull stazzjon (inkluzi stazzjonijiet Gharab) xandru kwazi 24 siegha kuljum dwar il-Papa? Ghaliex hafna stati ddikjaraw granet ta' luttu? Ghaliex thassar il-loghob tal-football u gie pospost it-tieg tal-princep Charles?

Ahbarijiet li xi ftit jew wisq iddoninaw id-dinja kellna, per ezempju, il-11 ta' Settembru, 2001. Hemmhekk id-dinja waqfet b'xokk. L-istess gara fis-26 ta' Dicembru tas-sena l-ohra meta thabbru l-konsegwenzi tat-tsunami Asjatiku.

Hawnhekk sahansitra l-Isvezja ddikjarat gurnata nazzjonali biex tfakkar il-vittmi taghha fil-pajjizi Asjatici. Hawnhekk rajna wkoll ghajnuna umanitarja globalizzata. Pero' din id-darba kienet donnha differenti - ghalkemm kienet okkazjoni ta' mewt - kienet zgur wahda ta' ferh. Donnu fiha l-bniedem fittex li jikkomunika mas-smewwiet billi jrodd lill-Hallieq lura mexxej spiritwali.

**Ironiji fl-istorja**

Il-mewt tieghu, pero', habtet ukoll, forsi anke ironikament, maz-zwieg tal-Princep Charles ma' Camilla li kellu jigl pospost minhabba l-funeral.

Ironikament kien re inglih - ir-Re Enriku VIII - bl-istess mod kien fired lill-Knisja Ingliza mill-Vatikan biex idahhal id-divorzju u ddikjara lilu nnifsu bhala l-kap tal-Knisja l-gdida. X'ifisser dan ghar-relazzjoni bejn il-Vatikan u knejjes ohrajn? Rispett? Dominanza tal-fidi Kristjana u d-dominanza fuq kwalunkwe attivita' politika u istituzzjoni religjuza ohra?

**Ghaliex kulhadd?**

Il-Papa Wojtyla kien l-ewwel Papa li verament ceda hafna mill-poter politiku tal-Vatikan. Kien dak li ried imiss b'idejh u jara b'ghajnejh il-faqar u t-tbatija. U biex jaghmel dan mar hu u ma stenna lil hadd jigi ghandu. Kien iltaqa' ma' kull stat u ma' kull knisja. Iltaqa' mal-habsi li pprova jnehhilu hajtu u hareg mill-Komunizmu. Talab mahfra ghall-izbalji tal-Knisja fil-passat bhal ma' ghamel fil-kaz ta' Galileo u qatt ma ghamel gwerra. Iltaqa' wkoll mal-mezzi tax-xandir.

Kien hemm hafna oqsma fejn ma qabilx ma' hafna minoranzi (jew maggoranzi) bhal fil-kaz tad-divorzju u l-abort - Izda donnu kulhadd beka t-telfa tieghu.

**Gabra b'differenza**

Nghid id-dritt. Aktar kont attenta ghall-movimenti tal-politicI u tal-pubbliku fil-jum tal-funeral - lil hemm mill-emozzjoni. Ghal darba l-politici ltaqghu bla mahsub. Iltaqghu fl-jizghar stat tad-dinja u kien hemm mumenti fejn il-President ta' l-Amerika deher hdejn dak ta' l-Iran. Il-President ta' l-Izrael tkellem bl-Iranjan ma' dak ta' l-Iran u hadu b'idejn xulxin. Erbatax -il religjon differenti nghaqdu flimkien permezz tal-kapijiet taghhom biex jaghtu l-ahhar tislima b'riti differenti lil ragel wiehed - ragel li hadem ghall-paci u biex iqarreb nies flimkien.

**Ghalliema tal-paci**

Hafna nies holmu l-paci u d-distribuzzjonijiet tal-gid fost il-popli. Kulhadd ipprova jahdem ghal dan l-iskop bil-kapacitajiet tieghu. Mietu hafna ghalliema tal-paci. Ekonomisti u filosfi bhal Karl Marx u Gegel, politici bhal Ghandi, Martin Luther King u Yasser Arafat, kantanti bhal John Lennon u Freddie Mercury . . . issa miet ukoll il-Papa Wojtyla. X'kellha l-laqgha tal-politicI aktar minn laqgha tal-GM? F'dinja bbazata fuq fatti xjentifici u laxkezza morali - jista' jkun li bil-mewt ta' Wojtyla rajna ta' kemm id-dimensjoni religjuza ghadha influenti?

F'din il-laqgha jidher li kien hemm prezenza li tista' tohloq ic-cavetta ghal pacI - ghaqda bejn ir-religjonijiet minbarra ghaqda bejn l-istati. Wasal Iz-zmien li jkollna flok "Gnus Maghquda" - "Religjonijiet Maghquda" (United Religions) b'ghanijiet cari - il-paci u l-gid?